# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 54**

**nhar l-Erbgħa 15 ta' Marzu 2017, fil-5:30pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 54 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 15 ta' Marzu 2017, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella - Sindku
Eman Vella - Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Mario Samut

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:41pm.

ii. Is-Sindku Paul Vella ippresjeda l-laqgħa sas-6:23pm, fejn wara it-tluq tiegħu, mexxa il-laqgħa id-Deputat Sindku, Eman Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tal-live-streaming.

**54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

54.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq email tal-Kunsillier Mario Sammut fejn fiha informa li ma kienx jista' jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Clayton Gauci ppropona li tintlaqa' din l-apoloġija u Paul Vella ssekkonda. Għaldaqstant is-Sur Sammut kien imniżżel bħala Assenti b' Apoloġija.

**54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

54.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

54.3.1 Is-sindku informa li l-Kunsill kien bgħat Expression of Interest għall-proġett tal-Unjoni Ewropea, bl-isem ta' PaRaDIgM, li ser ikun qed jitmexxa mill-University of the Aegean. Dan il-proġett jinvolvi studja ta' siġar taż-żebbuġ kif ukoll dwar turiżmu sostenibbli.

54.3.2 Is-Sindku informa wkoll li kellu laqgħa mmal-kumpanija AME sabiex issir Risk Assessment tal-bini tal-Kunsill. Dan wara żjara ta' uffiċċjali tal-OHSA li ppropnew li jsir dan l-assessjar mill-aktar fis.

54.3.3 Is-Sindku informa li kien irċieva kummenti tajbin dwar il-kuntrattur il-ġdid tal-ġbir tal-iskart. Dan jawgura tajjeb għat-titjieb fis-servizz.

54.3.4 Is-Sindku informa li kien ġie mistieden jattendi laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni li ser issir fl-iskola tal-Imġarr fl-20 ta' Marzu.

54.3.5 Is-Sindku ħabbar li kien ser jattendi laqgħa mal-Awrorita' tal-Ippjanar dwar l-għoli massimu tal-bini fil-lokalita'.

54.3.6 Is-Sindku, meta temm din il-parti tal-laqgħa informa li kellu jitlaq sabiex jattendi f' isem il-Kunsill għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-premijiet tal-Wasteserv. Għalhekk is-sindku ħareġ fis-6:23pm u l-laqgħa tkompliet titmexxa mid-Deputat Sindku, Eman Vella.

**54.4 Korrispondenza**

54.4.1 Is-Segretarju ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill numru ta' korrispondenzi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u entitajiet oħra Governattivi.

**54.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

54.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**54.6 Rapporti**

54.6.1 Ma kienx hemm rapporti mressqa.

**54.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

54.7 Ma kienx hem maktar punti dwar dan l-artikolu.

**54.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

54.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 03/2017 li kienet tammonta għall-€26,387.32.

54.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda u l-iskeda ġiet iffirmata u l-pagamenti ta' fuqha ġew awtorizzati.

**54.9 Mozzjonijiet**

54.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**54.10 Preparamenti dwar Festa Frawli 2017**

54.10.1 Ser tissejjaħ laqgħa ta' koordinament dwar Festa Frawli mal-Pulizija tad-Distrett tal-Mosta, il-Pulizija tat-Traffiku, il-LESA, Transport Malta u l-Malta Public Transport biex jiġi assigurat immaniġjar tajjeb tat-traffiku matul dan l-avveniment.

54.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din is-sena kien inħass il-bżonn li jsir Risk-Assessment għal dan l-avveniment. Dan sar u qed jiġi kkonsidrat mill-Kumissjoni li tieħu ħsieb l-attivita'.

**54.11 Eżitu tal-Laqgħa mas-Sidien tal-Gabbani tal-Festa**

54.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li eżatt qabel din il-laqgħa tal-Kunsill, kienet saret laqgħa mas-sidien tal-gabanni tal-festa, rapreżentant tal-armar tal-festa, is-Sindku u l-istess Segretarju Eżekuttiv. Matul din il-laqgħa r-rapreżentant tal-armar informa li min-naħa tal-għaqda tiegħu, ma jsibux oġġezzjoni li il-gabbani jibqgħu fejn huma sakemm, fis-snin li

ġejjin, ma jibdiex jintrama l-armar ġdid li hemm ippjanat. Is-sidien tal-gabanni qablu ma' dan u għalhekk ftehmu mar-rappreżentant tal-armar li ssir skrittura bejn iż-żewġ partijiet. Din l-iskrittura għandi tiġi proposta mir-rappreżentant tal-għaqdiet.

**54.12 L-aħħar żvilluppi fil-Proġett ta' Tal-Għasfura**

54.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kellu informazzjoni lil-proġett ta' Tal-Għasfura għadu għaddej b' ritmu tajjeb u kien qed isir xogħol ta' tikħil u tibjid fuq ġewwa.

54.12.2 Is-Segretarju Eekuttiv informam wkoll li kien ġie mgħarraf mill-HSBC (Malta) Foundation li d-data tal-ftuħ tal-proġett issa kienet tmexxiet għal-Lulju tal-2017.

**54.13 Tmiem tal-laqħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

54.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:10pm.

54.13.2 Il-Laqgħa li jmiss issejjħet għal-Erbgħa 6 ta' April 2017, fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

| | |
|---|---|
| *Paul Vella* | *Cyprian Dalli* |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |